# PERSONAĠĠI QALIN

## Sensiela informattiva u edukattiva dwar personaġġi li għamlu ġieħ lill-Qala

Riċerka u kitba minn **Dr. Raymond C. XERRI**

## Annunzjata (Nancy) Xerri



Għalliema f'diversi skejjel f'Malta u f'Għawdex – Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa – membru tal-MUT – 60 sena Membru Attiv fil-Parroċċa tal-Qala fl-Azzjoni Kattolika, Teżoriera tal-Parroċċa għall-38 sena 20 sena Segretarja u membru tal-Kumitat Parrokjali Pastorali – Superjura tal-MUSEUM tal-Bniet tal-Qala – Membru fil-Grupp Liturġiku fejn għal 55 sena animat il-quddiesa u kienet taqra waqt il-quddies - Membru, artikolista u teżoriera tal-bord tar-revista Leħen il-Qala – Membru tal-Grupp tal-*Fundraising* – il-Kumitat tal-Arranġamenti tal-Fjuri – produttriċi u preżentatriċi ta' għadd ta' programmi fuq Radju Leħen il-Qala u Radju Marija

### It-Tfulija ta' Annunzjata (magħrufa ma' kulħadd bħala Nancy)

Annunzjata Grace Salvina Xerri, twieldet is-Sibt il-15 ta' Jannar 1938, minn Antonio Xerri, bidwi u bejjiegħ tal-frott u l-ħaxix, u Caterina neè Buttigieg mara tad-dar u taħdem il-bizzilla, it-tnejn mill-Qala. Nancy tgħammdet fl-istess ġurnata li twieldet. Huma kienu sebat aħwa: Frenċu (illum mejjet), Karmena (mietet ftit wara li twieldet), Karmena (illum mejta), Ġużeppa, Ġużepp u Salvu (illum mejjet), id-dar numru 73 Triq Ħondoq ir-Rummien (illum għorfa fi Triq Belveder). Il-laqam tal-familja magħruf sew mal-Qalin hu taċ-Ċaput.



*Ritratt ta' Nancy ta' ftit xhur wara li twieldet fl-1939*

Saritilha l-Griżma tal-Isqof ta' tliet snin għaliex ma kinitx tiflaħ, minn Ġużeppa Cefai (Ta' Guterra) wara li ttieħdet fuq ħmara lejn il-palazz tal-Isqof fit-Tiġrija, illum lill-Kurja tal-Isqof ta' Għawdex, f'Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex.

Bħal kull tifla żgħira oħra kienet tgħin lil ommha ġġorr is-silla mill-għelieqi tal-familja li kienu fin-naħat tal-Blata l-Bajda lejn l-għorfa fejn kienet twieldet u għexet l-ewwel snin ta' ħajjitha. Lil missierha kienet tgħinu jbigħ il-frott u l-ħaxix bil-ħmara u l-karrettun ix-Xatt u fir-raħal tax-Xewkija fejn dak iż-żmien ftit li xejn ix-Xewkin kienu jkabbru frott u ħaxix. Il-provista ta' frott u ħaxix kienet tiġi mill-imsaġar estensivi li kien hemm fl-inħawi taż-Żewwieqa qabel it-Tieni Gwerra Dinija, illum

bilkemm issib nofs tużżana siġar tal-frott u kwart biss tal-inħawi għadu jinħadem u jipproduċi l-ħaxix għall-ikel.

Nancy flimkien ma' missierha kienu wkoll imorru fis-suq li kien jiġi organizzat fir-Rabat, Għawdex proprju wara San Franġisk fejn kien is-suq dak tal-frott u ħaxix dak iż-żmien. Mhux l-ewwel darba kienu jbigħu kollox u jerġgħu jmorru l-Qala biex iġibu aktar u jkunu jistgħu jmorru x-Xewkija li kien hemm domanda kbira għall-frott u ħaxix mill-Qala. Dan għaliex it-togħma u l-kwalità kienet superjuri minħabba l-fatt li l-ħamrija kienet tajba kif ukoll il-ftit minuti xemx aktar kuljum kienet tagħmel id-differenza. Ħafna drabi Nancy kienet tkun megħjuna minn oħtha Karmena jew ħuha Salvu.



*Nancy fit-tieġ ta' ħuha Salvu flimkien ma' martu Mary Rose fl-1969*

## L-Edukazzjoni ta' Nancy Xerri

Nancy attendiet l-Iskola Primarja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qala u wara attendiet l-Iskola Sekondarja tar-Rabat sa Form 5, skola li kienet tinsab flok fejn illum hemm it-Tiġrija Palazz, fit-Triq ir-Repubblika, il-Belt Victoria. Nancy, differenti minn ħutha, xtaqet tkompli tistudja, għalhekk wara li għaddiet mill-eżamijiet, hi kellha tkompli tistudja għall-eżamijiet tal-GCEs fiż-żmien il-Gwerra fix-xelters ta' Gewenza f'Triq iż-Żewwieqa maġenb il-Belveder tal-Qala.

Nancy bdiet tattendi l-*Mater Admirabilis Training College* bejn l-1959-1961 immexxi mis-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesu', Tal-Virtu, ir-Rabat tal-Imdina li kien wieħed mill-aqwa kulleġġi b'reputazzjoni tajba ħafna u li l-lezzjonijiet kienu mgħallma fl-Ingliż. Dan il-Kulleġġ m'għadux jeżisti però l-bini llum huwa s-Seminarju Maġġuri tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

Għal sentejn sħaħ, Nancy kienet tmur Malta bħala studenta mit-Tnejn u tiġi lura s-Sibt filgħodu. Hi u sejra x-Xatt biex tieħu l-vapur tas-6.30am (dak iż-żmien kienu l-Banċinu u x-Xlendi). Nancy kienet iġġorr barmil tal-injam tal-ġobon u x-xorox fuq rasha flimkien ma' ommha Katrina. Dan il-barmil tal-ġobon kien jinbiegħ Malta minn Ġanni u Karmni Cefai (tal-Kelba) li kienu jaqsmu lejn Malta regolarment. Il-vapur dak iż-żmien kien jittrakka l-Marfa jew jersaq lejn San Pawl il-Baħar u wara n-nies kienu jinżlu fid-dgħajsa jew luzzu biex jersqu mal-moll li kien ferm differenti mill-kumditatijiet li għandna llum.

Kien ikun hemm xarabank tistenna biex tieħu lil Nancy u sħabha lejn il-Virtù. Kienet titgħallem is-suġġetti tal-Ingliż, il-Malti, ir-Reliġjon (Doctine), l-Istudji Soċjali, il-Ġeografija, l-Istorja, l-Iġene u *Needle work.* Nancy għaddiet mill-eżamijiet kollha fil-livell ordinarju tal-GCE fis-suġġetti kollha minbarra l-Iġene li ma kienx ikun eżaminat. Fl-1961, Nancy laħqet għalliema u rċeviet il-*warrant* ftit xhur wara.



*Ritratt tal-karozza l-ġdida li xtrat f'Awwissu tal-1968 fejn illum hemm ir-rawndabout ta' Patri Ġużepp Portelli*



*Ritratt tal-istaff tal-Iskola Primarja tal-Qala 1976*

**Nancy bħala għalliema**

Bdiet tgħallem il-Ġimgħa, l-15 ta' Settembru 1961 f'*opportunity class* fil-Iskola Primarja ta' Ħal Qormi għal tliet snin u mbagħad ġiet trasferita lejn Għawdex fl-1964 fl-Iskola Primarja ta' Għajnsielem fejn għalmet fl-iskejjel primarji Ta' Sannat u l-Qala, u fl-iskola Sekondarja tal-Bniet tal-Qala li kienet fejn illum hemm l-Istitut għall-Istudji Turistiċi. Nancy kienet tgħallem is-suġġetti tal-Ingliż, il-Malti, ir-Reliġjon, in-*Needle Work*, u *Home Economics*. Niftakar li fl-1979 meta jien kont student fl-Iskola Primarja tal-Qala, iz-zija Nancy kienet tgħallimni l-*Home Economics*, suġġett li sibtu verament utli ftit tas-snin wara meta mort ngħix u nistudja waħdi fl-Istati Uniti fl-età ta' 16-il sena. Tgħallimt insajjar, naħsel il-ħwejjeġ, naħsel id-dar, kollox waħdi.

Fl-1981 l-Iskola Sekondarja tal-Qala għalqet u Nancy ġiet assenjata tgħallem lill-istudenti tal-Forms 2, 3 u 4 is-suġġetti tar-Reliġjon, l-Ingliż, il-Malti, l-Istudju Soċjali u tikkoreġi ħafna komponimenti fl-Iskola Primarja tax-Xagħra fejn għamlet 11-il sena sal-1996 meta mbagħad Nancy saret l-Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa li f'dak iż-żmien Nancy kienet membru attiv tal-*Malta Union of Teachers* (M.U.T.).

Skont Nancy Xerri l-agħar esperjenza f'ħajjitha u fil-professjoni ta' għalliema kien meta fis-satra tal-lejl, fis-sagħtejn ta' filgħodu nhar il-Ħamis, l-20 ta' Settembru 1984, ambulanza f'uffiċjali tal-pulizija armati fiha, ħabtu mal-bieb tar-residenza tagħha fil-Qala, fetħu u ġarrew lil Nancy Xerri għal ġol-ambulanza. Dak il-lejl, għadd ta' għalliema oħrajn madwar Għawdex kollu li kienu ħadu sehem fl-istrajk tal-għalliema, ittieħdu f'kamra mwarrba fl-Isptar t'Għawdex, li dak iż-żmien kien l-Isptar Craig. Huma nżammu hemm kontra r-rieda tagħhom u ma ngħatawx spjegazzjoni għaliex sar dan l-att fuqhom, x'kien qed jiġri u x'kien ser jiġri minnhom. Damu erba' sigħat msakkrin f'din il-kamra mingħajr ma ngħataw tazza ilma. Mhux biss, imma biex imorru sat-*toilet* kellu jmur xi ħadd magħhom, joqgħod barra jistennihom biex jara li ma jaħarbux, ma jkellmu lil ħadd u biex jeskortawhom lura fil-kamra. Dan l-episodju kien l-agħar ħmar il-lejl f'ħajjet Nancy.

Tul is-snin ta' għalliema, Nancy għallmet eluf ta' studenti fil-Qala, f'Għawdex u f'Malta u ħalliet impatt u kellha influwenza pożittiva fuq ħafna.

**60 sena servizz lill-Parroċċa tal-Qala; Attiva fl-Azzjoni Kattolika – lotteriji - ħasil tal-Knisja – trieħi**

Fiż-żmien il-Kappillan Vella, Viċi-Parroku Dun Karlu Vella u wara Dun Anġ Camilleri, iċ-ċkejkna ta' seba' snin, Annuzjata, kienet tattendi l-Azzjoni Kattolika flimkien ma' Sr. Lauritana u Dun Karm Xerri li dak iż-żmien kien Seminarist, kienet

tħabbat bieb bieb tbiegħ il-biljetti tal-lotterja b'risq il-parroċċa, taħsel l-art tal-Knisja u aktar tard ta' 14-il sena bdiet tgħallem id-duttrina lit-tfal żgħar. Fiż-żmien l-Arċipriet Dun Ġużepp Borg Attard, apparti li tbiegħ il-biljetti tal-lotterija, tgħallem id-duttrina u tgħin fil-ħasil tal-art ġiet inkarigata wkoll li tieħu ħsieb it-trieħi fil-Knisja.



*Nancy bdiet u mexxiet il-Grupp tal-Arranġamenti tal-Fjuri*

**Nancy Teżoriera tal-Parroċċa u Superjura tal-MUSEUM tal-Bniet**

L-Arċipriet Dun Anton Sultana kien inkariga lil Nancy biex tagħmel ix-xogħol kollu li kienet tagħmel qabel biż-żieda li tkun Teżoriera tal-Parroċċa. F'dak iż-żmien laħqet ukoll Superjura tal-MUSEUM tal-Bniet fejn għamlet numru ta' snin f'din il-kariga. Nancy gradwalment ġiet involuta fil-Kumitat Liturġiku fejn bdiet u damet taqra b'mod regolari u tanima l-quddies sal-2020. L-Arċipriet Sultana appuntaha s-Segretarja tal-Kumitat Pastorali Parrokkjali fejn serviet għal aktar minn għoxrin sena.

**Nancy kienet tħobb tivvjaġġa**

Mir-rekords li ħalliet Nancy insibu dan is-safar:-

1962 – Pellegrinaġġ Paolino lejn Lourdes (f'Franza).
1965 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).



*Nancy flimkien mal-istudenti ta' familji Emigranti Qalin li għandhom kif irċivew l-Ewwel Tqarbina quddiem l-istatwa titulari ta' San Ġużepp fil-Festa fl-1973*

1966 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1967 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1968 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1969 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1970 – Rocca di Papa, Ruma (l-Italja), Lourdes (f'Franza), Barċellona u Monserrat (f'Spanja)
1970 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1970 – Wales (ir-Renju Unit).
1971 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1972 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1973 – Londra, Windsor, Salsbury u Lake District (ir-Renju Unit).
1974 – Pellegrinaġġ lejn Lourdes (f'Franza) mal-Moviment ta' Kana mmexxi minn Mons. Ġużepp Buttigieg.
1975 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1976 – Munich (il-Ġermanja), Vjenna (l-Awstrija), l-Yugoslavia u l-Ungerija.
1976 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1978 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1979 – Turin, Ruma (fl-Italja), Pariġi, Versailles,

Lourdes (f'Franza).
1979 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1980 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1981 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1982 – Lundudno, Wales, Isle of Wright and Isle of Man (ir-Renju Unit), Amsterdam (L-Olanda), Brussell, (il-Belġju) u Pariġi (f'Franza).
1984 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1987 - Tour tal-NSTS – Salsburg, Saltmines, Vjenna (l-Awstrja) u Munich (l-Ġermanja)
1987 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1988 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1989 – Pellegrinaġġ lejn Lourdes (f'Franza) mal-Arċipriet tal-Qala, Dun Anton Sultana
1989 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1990 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1991 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1992 – New York u Seattle, State of Washington (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1993 – Pellegrinaġġ lejn Assisi, Cascia, Foggia u Ruma (l-Italja) mal-Arċipriet tal-Qala Dun Karm Refalo.
1993 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1994 – New York (I-Istati Uniti tal-Amerika).
1995 – Pellegrinaġġ lejn Lourdes (f'Franza) mal-Arċipriet tal-Qala Dun Karm Refalo.



*Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Qala mmexxi mill-Arċipriet tal-Qala, Mons. Karm Refalo fl-Lourdes, f'Franza*

1996 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1997 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
1998 – Dobbiaco, Dolomiti, Cortina (l-Italja).
1998 – Pellegrinaġġ lejn Fatima (il-Portugall).
1999 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2000 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2001 – Flimkien mad-Delegazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Qala li żaru Palermo, Malfa, Lingua, Pollaro, Leni, Lipari, San Marino u Messina fi Sqallija (l-Italja).
2001 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2002 – Pelleġrinġġ lejn Lourdes (f'Franza) mal-Grupp tal-EuroTours mmexxija mill-Arċipriet tal-Qala, Dun Karm Refalo.
2003 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2004 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2004 – It-Tuneżija.
2005 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2006 – Pellegrinaġġ lejn New York, Philidelphia, Washington D.C (L-Istati Uniti tal-Amerika) u l-Belt ta' Toronto (Fil-Provinċja ta' Ontario, il-Kanada) immexxi mill-E.T. Mons. Mario Grech l-Isqof t'Għawdex.
2007 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2008 – Ateni u Kythera (il-Greċja).
2009 – Pellegrinaġġ lejn Ephesus (it-Turkija) immexxi mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech.
2009 – Pellegrinaġġ għall-Fatima (il-Portugall) immexxi mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech.
2009 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika)
2010 – Ateni u Kythera (il-Greċja).
2011 – New York u fl-Istat ta' South Carolina (l-Istati Uniti tal-Amerika)
2012 – Pellegrinaġġ lejn San Giovanni Rotondo (fl-Italja) immexxi mill-Arċipriet Dun Karm Refalo.
2013 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika) u fil-Belt ta' Toronto, fil-Provinċja ta' Ontario (fil-Kanada).
2014 – Ateni u Kythera (il-Greċja).
2015 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2015 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2017 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).
2019 – New York (l-Istati Uniti tal-Amerika).

**Takkompanja lill-morda f'Pellegrinaġġi Reliġjużi**

Nancy Xerri hija persuna li għexet il-volontarjat ħajjitha kollha, anzi nista' ngħid li tat ħajjitha lill-Parroċċa tal-Qala. Fl-1970, Nancy fformat parti mill-Pellegrinaġġ Pawlin mall-Ġiżwiti f'Rocca di Papa (Ruma, l-Italja), f'Lourdes (Franza) u f'Barċellona (Spanja). Għal darbtejn hi akkompanjat lil Dun Ġużepp Camilleri (tal-Furnar) jġorr il-morda lejn Lourdes. Akkompanjat lill-Patri

Marcello Ghirlando fil-ġita reliġjuża lejn l-Art Imqaddsa fl-1994 u fis-sena 2000 mal-Arċipriet Dun Karm Refalo. Darb'oħra marret ġita lejn Fatima u Pellegrinaġġ mal-Arċipriet Dun Anton Sultana f'Lourdes, fi Franza kif ukoll fit-Turkija fuq il-Passi ta' San Pawl it-tnejn mal-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, l-Isqof ta' Għawdex, illum l-Eminenza l-Kardinal Mario Grech. Bejn il-25 ta' Mejju sat-3 ta' Ġunju 2006, Nancy ifformat parti mill-Pellegrinaġġ Nazzjonali għall-Bażilika Santwarju Nazzjonali tal-Immakulata Kunċizzjoni, f'Washington D.C. fl-okkażjoni tal-Inawgurazzjoni tal-Oratorju ddedikat lill-Madonna Ta' Pinu, f'isem l-Għawdxin u l-Maltin tal-Amerika, imtella' fl-istess Santwarju.

Nancy kienet kruċjali għat-twaqqif tal-Grupp tal-*Fund Raising* fil-parroċċa tagħna. Nafu sew kemm xogħol jagħmel dan il-Grupp waqt attivitajiet ta' laqgħat, *coffee mornings*, *high teas*, lotteriji, ikliet għall-avvenimenti kbar bħall-*Gozo International Celebration* (GIC) u l-*Qala International Folk Festival* organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Qala. Li ma kienx għax-xogħol indispensabbli ta' dan il-Grupp, la l-parroċċa u wisq anqas il-Festa sabiħa li dejjem saret lill-Patruni tagħna l-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp kienu jkunu ż-żgħar u żgur mhux l-istatura li għandhom.

**Il-konnessjoni tagħha mal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Greċja**

Nancy ġejja minn familja emigranta fejn għandha numru ta' neputijiet, pro-neputijiet u ħbieb Qalin u Għawdxin li primarjament jgħixu fil-Belt ta' New York, l-Istati Uniti tal-Amerika. Hi marret 'l fuq minn 40 darba New York u erba' darbiet il-Ġreċja.

Hi kienet iżżur kważi sena iva u sena le, u minbarra New York kienet żaret il-Belt ta' Seattle f'Novembru 1992 u l-Greċja fejn tgħix neputija tagħha. Minħabba dan il-fatt hi żaret dan il-pajjiż 13-il darba u kienet iżżurhom kważi dejjem. Nancy kienet tħobb is-safar fejn żaret diversi pajjiżi oħra Ewropej fuq btala l-aktar il-Ġermanja, l-Olanda, Franza, Spanja, l-Italja, it-Turkija, Iżrael, ir-Renju Unit, biex insemmi ftit.

L-aħħar li marret New York kien f'Mejju u Ġunju 2019 meta l-pandemija tal-Covid-19 kienet gradwalment tinfirex madwar id-dinja inkluż f'pajjiżna.

**Kontribuxxiet mhux ftit għar-rivista, Leħen il-Qala u Radju Leħen il-Qala**

Sa mit-twelid tar-rivista parrokjali, Leħen il-Qala, Nancy ikkontribwixxiet b'numru kbir ta' artikli matul id-disa' u erbgħin sena kemm ilha tiġi ppubblikata din ir-rivista parrokkjali. Ħafna minnhom huma narrazzjonijiet ta' esperjenzi tagħha fid-diversi għaqdiet li kienet u għadha tifforma parti minnhom. Hi serviet ta' teżoriera fuq il-bord editorjali ta' din ir-rivista. L-istess nistgħu ngħidu għas-sehem ta' Nancy fuq Radju Leħen il-Qala fejn kienet u għadha ttella' programmi ta' natura reliġjuża.

**Rappreżentanta tal-Arċipriet f'diversi attivitajiet u laqgħat tad-Djoċesi u f'Arċidjoċesi ta' Malta**

Meta l-Arċipriet tal-Qala fil-passat ma setax jattendi laqgħat jew ċertu attivitajiet tad-Djoċesi t'Għawdex u/jew li kienu jiġu organizzati fl-Arċidjoċesi ta' Malta, mhux l-ewwel darba li Nancy intbagħtet biex tirrappreżentah u tirrapportalu dak li jkun ntqal fil-laqgħat, konferenzi u attivitajiet.



*Mons. Karm Refalo jagħti tislima u ktejjeb lil Nancy bħala rikonoxximent tal-ħafna xogħol li wettqet matul is-snin li dam Arċipriet fostna*

**Mara leali, onesta, profondament reliġjuża, tħobb lill-Knisja u fuq kollox tħobb lill-Qala u lil Għawdex**

Nancy kienet mara leali lejn is-sewwa, tagħmel dejjem dak li jidhrilha li hu sewwa u nista' ngħid li dejjem kienet għalija eżempju ta' kif għandek tkun leali, u f'dan il-każ lejn il-Qala l-ewwel u lejn

l-Arċipriet tal-ġurnata. Nancy ħadmet ma' disa' Kappillani u Arċiprieti Qalin: mal-Kappillan Dun Ġużepp Vella (1945-1955); Dun Manwel Xerri (1955-1964); il-Kan. Dun Frans Camilleri (1964-1965); Dun Karm Vella (1965-1969); Dun Ġużepp Borg Attard (1969-1983); Dun Anton Sultana (1983-1991); Dun Karm Refalo (1991-2005); mal-Arċipriet il-Kanonku Dr Joseph Zammit (2005-2014) u l-Arċipriet Dun Nazju Borg (2014-2021). Biex tagħmel dan ix-xogħol kollu volontarju bilfors li tħobb lill-Knisja li kienet parti integrali minn ħajjitha, lill-Immakulata Kunċizzjoni, San Ġużepp u fuq kollox lill-Qala – raħal twelidha.

Nancy kienet mara onesta ħafna u dan jixhdu l-fiduċja li kellha minn daqstant kappillani u arċiprieti. Nancy qatt ma tilfet quddiesa, tqarbina anke meta tkun imsiefra barra l-pajjiż, kienet taf fejn jew tfittex knisja biex tisma' quddiesa. Il-reliġjożità hi profonda u hija ħajjitha.

Nancy imliet diversi rwoli f'ħajjitha, il-knisja u d-dar parrokkjali kienet it-tieni dar tagħha anke meta kellha għal numru ta' snin sew rabbiet lin-neputi Anthony kif ukoll ħadet ħsieb lil ommha Katerina u lil missierha Antonio sa ma mietu.

### Kienet tiffinanzja boroż ta' studju għall-formazzjoni ta' seminaristi

Nancy Xerri kienet benefattur kbir tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fil-Belt Victoria. Fi Frar 1992 hi ħallset Lm250 għall-borża ta' studju msejħa, "Santa Katarina" lill-Mons. Emmanuel Mercieca, Direttur Djoċesan tal-Opri Missjunarji Pontifiċji. Fit-testment tagħha hija ħalliet flus għal diversi għaqdiet religjużi fosthom lis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù.

### L-Imxija tal-Covid-19 tbiddel il-ħajja ta' Nancy

L-imxija tal-Covid-19 li waqfet lid-dinja fis-7 ta' Marzu 2019 u l-waqfien tal-attivitajiet kollha parrokkjali fisser mhux biss xokk għal kulħadd, iżda għal Nancy kien ifisser it-tmiem ta' xogħol tagħha fil-parroċċa, fid-Djoċesi u s-safar li tant kient tħobb. Is-sentejn tal-imxija bejn l-2019 u l-2021 kienu snin li kienu diffiċli ħafna għall-persuna bħal Nancy li għexet ħajjitha attiva ħafna u dejjem issiefer, f'salt waqaf kollox magħluqa fid-dar.

Is-saħħa mentali ta' Nancy bdiet tmur lura fejn bdiet tinsa. Dlonk in-neputijiet kollha tagħha fetħu kont tal-*messenger* fejn bdew jaraw kif ser jieħdu ħsieb liz-zija tagħhom. Inġabet persuna mill-Filippini, Gina, li bdiet tieħu ħsiebha ħamest ijiem fil-ġimgħa u l-jumejn l-oħra, fil-btajjel u kull meta kien hemm bżonn, kienu jieħdu ħsiebha n-neputijiet bejniethom.

### Inċident li wassal għat-tmiem tal-ħajja ta' Nancy

Meta naqqsu r-restrizzjonijiet tal-imxija u ġie fit-tmiem ir-raba' *lockdown*, Nancy kompliet il-mixjiet li tant kienet tħobb tagħmel mid-dar tul Triq il- Belveder lejn Triq iż-Żewwieqa sa fejn id-dar tal-Bandu u timxi lura d-dar. F'Novembru 2021, waqgħet u kissret sieqha u ġenbha fil-Belveder, il-post li tant kienet tħobb timxi hi u oħtha Ġużeppa. Daħlet l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn wara l-intervent marret lura d-dar, però fi żmien 3 ġimgħat laqtet infezzjoni fil-pulmun u bdiet sejra għall-agħar ġurnata wara l-oħra. Apparti li rċeviet telefonati u żjarat fl-isptar ma jaqtgħu xejn min-neputijiet, ċemplilha l-E.T. Mons Anton Teuma, l-Isqof ta' Għawdex u Dun Karm Refalo li kienu Ruma għal żjara fil-Vatikan. Għat-tieni darba f'ħajjitha ngħatat il-Ġriżma tal-Morda mill-Kappillan tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex nhar il-Ħamis, 4 ta' Novembru 2021.

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Novembru 2021, fit-8.30 ta' filgħodu, ġriet l-aħbar mhux biss fil-Qala, f'Għawdex u f'Malta iżda wkoll fost l-eluf ta' emigranti Qalin u l-għexiern ta' eluf ta' Għawdxin madwar id-dinja li Nancy Xerri kienet ħallietna u marret tiltaqa' mal-Mulej li tant kienet tħobb u ssemmi. Diversi rapporti fuq il-medja lokali, l-eluf kbar ta' messaġġi sbieħ u ta' sogħba għal din it-telfa fuq il-medja soċjali u anke bnadar mezza lasta fuq il-bjut tad-djar fil-Qala huwa testment ċar tar-rispett kbir li Nancy kienet tgawdi. Hija mietet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex u ħdejha mar il-Kappillan tal-Isptar.

***Referenzi:***

Arkivji tal-Parroċċa tal-Qala, il-Qala, Għawdex.

Diversi artikli fuq ir-revisti kważi kollha ta' Leħen il-Qala mill-1973 sal-lum.

Il-Familji Xerri u Soċji li ħadmu mall-Assistent Superjura tal-MUSEUM tal-Bniet tal-Qala

XERRI, Raymond, l-Arkivji tal-Familja Xerri, il-Qala, Għawdex.